

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Wirt > Informazzjoni Għall-awtoritajiet Li Joħorġu >  
ĊES Estonia

# Informazzjoni għall-awtoritajiet li joħorġu ĊES

 Estonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 It-tipi ta' reġistri li jeżistu fl-Istat Membru, li jinkludu informazzjoni rilevanti għas-suċċessjonijiet

- Ir-reġistru tal-artijiet
- Ir-reġistru tal-popolazzjoni
- Ir-reġistru tal-beni matrimonjali
- Ir-reġistru tas-suċċessjonijiet
- Ir-reġistru tal-postilli
- Ir-Reġistri tal-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Estonja
- Ir-reġistru kummerċjali
- Ir-reġistru elettroniku tat-titoli
- L-informazzjoni dwar l-insolvenzi fil-pubblikazzjoni uffiċjali Ametlikud Teadaanded
- Ir-Reġistru tal-Pensjonijiet tal-Estonja

## 2 Informazzjoni li tinsab f'kull wieħed mir-reġistri tal-Istat Membru, kif elenkat taħt il-punt 1

Ir-reġistru tal-artijiet

Aktar informazzjoni hija disponibbli

fuq: [https://e-justice.europa.eu/topics/registers-business-insolvency-land/land-registers-eu-countries\\_mt?ESTONIA=&init=true&member=1](https://e-justice.europa.eu/topics/registers-business-insolvency-land/land-registers-eu-countries_mt?ESTONIA=&init=true&member=1)

Link għar-reġistru elettroniku tal-artijiet: <https://www.rik.ee/en/e-land-register>

Ir-reġistru tal-artijiet huwa bażi tad-*data* li l-iskop tagħha huwa li tiġbor, taħżen u tiddivulga informazzjoni dwar il-ħolqien u t-trasferiment ta' beni immobbli u l-irbit b'piż fuq beni immobbli permezz ta' dritt *in rem* kif ukoll dwar it-trasferiment, l-aggravju, l-alterazzjoni jew it-terminazzjoni ta' dritt *in rem* li jkun piż fuq il-beni immobbli.

L-Estonja għandha sistema b'saħħitha ta' reġistru tal-artijiet li tiżgura ċertezza legali għall-finijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-beni immobbli u tar-riskji ta' hedges fi tranżazzjonijiet li jinvolvu beni immobbli. Drittijiet relatati ma' beni immobbli jinħolqu, jiġu emendati u jitneħħew b'entrata fir-reġistru tal-artijiet u wieħed jista' jibbaża fuqhom meta jagħmel tranżazzjonijiet.

Kulħadd jista' jeżamina r-reġistru tal-artijiet u jitlob kopji stampati minnu. Ir-reġistru tal-artijiet jista' jiġi eżaminat u jistgħu jintalbu kopji stampati minnu jekk ikun hemm interess leġittimu sabiex isir hekk. Id-*data* u d-dokumenti tar-reġistru tal-artijiet fir-reġistru tal-artijiet jistgħu jintalbu mingħand nutar jew b'mod elettroniku mir-reġistru elettroniku tal-artijiet.

L-aċċess għar-reġistru elettroniku tal-artijiet <https://kinnistusraamat.rik.ee/Login.aspx?lang=Eng> jeħtieġ identifikazzjoni diġitali permezz ta' karta tal-identità, ID tal-mowbajl, Smart ID, jew EU eID. Trid titħallas tariffa Statali għal estratti mir-reġistru tal-artijiet.

Persuna li tixtieq tikseb *data* mdaħħla fir-reġistru tal-artijiet mingħand nutar jeħtiġilha tippreżenta applikazzjoni lin-nutar. Trid titħallas tariffa Statali għal estratti mir-reġistru tal-artijiet.

Il-formola għall-estratti tista' tintalab bl-Ingliż, iżda l-entrati kollha fir-reġistru tal-artijiet huma bl-Estonjan.

#### Ir-reġistru tal-popolazzjoni

Ir-reġistru tal-popolazzjoni huwa bażi tad-*data* li tiġbor flimkien id-*data* personali ewlenija taċ-ċittadini Estonjani, taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li rreġistraw ir-residenza tagħhom fl-Estonja u taċ-ċittadini barranin li kisbu permess ta' residenza jew dritt ta' residenza fl-Estonja. Ir-reġistru huwa ġestit u żviluppat mill-Ministeru tal-Intern bħala l-kontrollur tad-*data*.

Id-*data* tar-reġistru tal-popolazzjoni tintuża għat-twertiq tad-dmirijiet pubbliċi imposti fuq l-Istat, fuq il-gvern lokali u fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u t-twertiq ta' dmir pubbliku jrid ikun ibbażat fuq id-*data* bażika tar-reġistru tal-popolazzjoni. Il-persuni ġuridiċi u fiżiċi għandhom id-dritt li jaċċessaw id-*data* tar-reġistru tal-popolazzjoni jekk ikollhom interess leġittimu li jagħmlu dan.

Id-*data* tar-reġistru tal-popolazzjoni hija ġestita u tinħareġ kif iggwidat mir-rekwiżiti għall-protezzjoni ta' *data* personali.

Ir-reġistru tal-popolazzjoni fih id-*data* li ġejja:

I-sem mogħti u l-kunjom, id-*data* dwar it-twelid (id-*data* u l-post tat-twelid), is-sess, il-kodiċi tal-identifikazzjoni personali, in-nazzjonalità, id-*data* dwar ir-residenza, l-indirizzi addizzjonali, id-dettalji ta' kuntatt (in-numru tat-telefown, l-indirizz tal-posta elettronika), l-indirizz tal-post ta' soġġorn, l-istat ċivili (ġuvni/xejba, persuna miżżewġa, fi sħubija reġistrata\*, armla/armel, sħubija reġistrata mitmuma\*, persuna divorzjata, fi sħubija reġistrata mitmuma\*); id-*data* dwar il-ġenituri, il-konjuġi, is-sieñeb reġistrat\* u t-fal tal-persuna, inkluża d-*data* dwar il-kustodja legali; id-*data* dwar it-tutela; id-*data* dwar ir-restrizzjoni tal-kapaċità legali attiva; id-*data* dwar il-mewt (id-*data* u l-post tal-mewt); l-oġġla livell edukattiv miksub u d-*data* dwar in-nazzjonalità etnika u l-lingwa nattiva.

Fir-reġistru tal-popolazzjoni tiddaħħal ukoll *data* dwar id-dokumenti li ġejjin:

id-dokument tal-identità; id-dokument tal-istatistiċi vitali; il-kuntratt tas-sħubija reġistrata\*, id-dokument dwar l-emendar tad-*data* (dwar ir-residenza, l-indirizzi addizzjonali, id-dettalji tal-kuntatt, l-indirizz tal-post tas-soġġorn, l-oġġla standard edukattiv miksub u d-*data* bbażata fuq xhieda dwar in-nazzjonalità etnika, il-lingwa nattiva u l-oġġla livell edukattiv miksub); deċiżjoni ġudizzjarja; dokument li jemenda ċ-ċittadinanza Estonjana; dokument li jagħti prova tal-bażi legali għas-soġġorn fl-Istat, dokument li jagħti prova tal-provvista ta' kodiċi ta' identifikazzjoni personali, avviż tal-persuna dwar id-*data* tagħha, avviż mingħand l-emittent tal-karta ta' identità diġitali tar-resident elettroniku dwar ir-residenza elettronika.

Minbarra d-*data* personali, ir-reġistru tal-popolazzjoni fih *data* dwar l-ipproċessar tad-*data* tar-reġistru, bħall-ħin tat-tidħil fir-reġistru, il-persuna li daħħlet id-*data* fir-reġistru jew il-persuni li għamlu tfittxija dwar id-*data*.

Id-*data* fir-reġistru tal-popolazzjoni tinżamm għal żmien indefinit. Jekk id-*data* mdaħħla fir-reġistru ma tibqax attwali, pereżempju jekk l-istat ċivili ta' persuna jinbidel jew jekk il-persuna tmut, id-*data* tiddaħħal mad-*data* mhux attwali fir-reġistru tal-popolazzjoni.

Disponibbli fuq: <https://rahvastikuregister.ee/>.

#### Ir-reġistru tal-beni matrimonjali

Ir-reġistru tal-beni matrimonjali huwa reġistru Statali għar-reġistrazzjoni ta' *data* dwar id-drittijiet proprjetarji li jinsabu f'kuntratti tal-beni matrimonjali u f'kuntratti ta' sħubija reġistrata u, fil-każijiet previsti fil-liġi, *data* dwar drittijiet proprjetarji oħrajn. L-iskop tar-reġistru tal-beni matrimonjali huwa li jippermetti lil partijiet terzi jiksbu informazzjoni dwar ir-relazzjoni proprjetarja bejn il-konjuġi jew is-sħab reġistrati u d-drittijiet u l-obbligi li

jirriżultaw minnhom.

Ir-reġistru tal-beni matrimonjali huwa ġestit mill-Kamra tan-Nutara.

Fil-każ ta' koppji miżżewġin, ir-reġim tal-beni matrimonjali jkun reġistrat fir-reġistru tal-beni matrimonjali jekk, wara li ż-żwieġ, il-koppja miżżewġa tagħżel jew ir-relazzjoni proprjetarja ta' separazzjoni tal-beni jew it-tpaċija jew l-inkrement tal-assi bħala r-reġim tal-beni matrimonjali tagħha fl-applikazzjoni għaż-żwieġ. F'każ bħal dan, l-istituzzjoni li tirreġistra ż-żwieġ iddaħħal *data* dwar ir-relazzjonijiet proprjetarji fir-reġistru tal-beni matrimonjali permezz tar-reġistru tal-popolazzjoni.

Jekk ir-reġistru tal-beni matrimonjali ma jkun fih l-ebda *data* dwar il-konjuġi, ikun preżunt li r-relazzjonijiet proprjetarji tal-konjuġi jkunu rregolati mir-relazzjoni proprjetarja ta' beni konġunti. Ir-reġim tal-beni matrimonjali jista' jintgħażel ukoll b'kuntratt ta' beni matrimonjali, li jrid ikun notarizzat. Kopja diġitali ċċertifikata tal-kuntratt tal-beni matrimonjali tinżamm fir-reġistru tal-beni matrimonjali.

Fil-każ ta' kuntratti ta' sħubija reġistrata, ir-reġim tal-beni magħżul mis-sħab reġistrati fil-kuntest tal-kuntratt ta' sħubija reġistrata jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-beni matrimonjali. Kopja diġitali ċċertifikata tal-kuntratt ta' sħubija reġistrata tinżamm fir-reġistru tal-beni matrimonjali.

Ir-reġistru tal-beni matrimonjali jinżamm aġġornat b'mod elettroniku. Aċċess: <https://abieluvararegister.rik.ee/> jew billi jiġi kkuntattjat nutar.

Id-dokumenti fir-reġistru tal-beni matrimonjali jista' jiġi eżaminat u jistgħu jintalbu kopji stampati minnu jekk ikun hemm interess leġittimu. Ir-reġistru tal-beni matrimonjali jinżamm aġġornat bl-Estonjan.

Ir-reġistru tas-suċċessjonijiet

Ir-reġistru tas-suċċessjonijiet huwa reġistru elettroniku għar-reġistrazzjoni ta' *data* dwar il-proċedimenti ta' suċċessjoni, iċ-ċertifikati ta' suċċessjoni, it-trasferimenti ta' ishma tal-komunità ta' patrimonju, ta' testmenti, ta' kuntratti ta' suċċessjoni u ta' miżuri għall-ġestjoni ta' patrimonju.

Ir-reġistru tas-suċċessjonijiet huwa reġistru Statali ġestit mill-Kamra tan-Nutara. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <https://www.notar.ee/et/registrid/parimisregister>.

It-testmenti u l-kuntratti ta' suċċessjoni notarizzati kollha jridu jiġu rreġistrati fir-reġistru tas-suċċessjonijiet minn nutar li jinnotarizza t-testment jew il-kuntratt ta' suċċessjoni. Informazzjoni dwar l-eżistenza ta' testment jew ta' kuntratt ta' suċċessjoni ssir pubblika wara li tiġi ċċertifikata l-mewt tal-persuna deċeduta u l-mewt tiġi rreġistrata fir-reġistru tas-suċċessjonijiet.

Kopji diġitali awtentikati ta' testmenti u ta' kuntratti ta' suċċessjoni ċċertifikati minn nutara jinżammu fir-reġistru tas-suċċessjonijiet. L-aċċess għall-kontenut ta' testment jingħata b'mod elettroniku permezz tar-reġistru tas-suċċessjonijiet lin-nutar li jmexxi l-proċedimenti ta' suċċessjoni. Persuna intitolata għas-suċċessjoni jkollha d-dritt li tikseb informazzjoni mingħand nutar dwar il-kontenut ta' testment jew ta' kuntratt ta' suċċessjoni.

Testment domestiku jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru tas-suċċessjonijiet mill-persuna li tkun għamlet it-testment, filwaqt li dan ir-reġistru jindika fejn ikun jista' jinstab it-testment domestiku. Fir-reġistru tas-suċċessjonijiet ma jinżammux kopji ta' testment domestiku.

Jekk ikunu nbdew il-proċedimenti ta' suċċessjoni minn nutar Estonjan, in-nutar jeħtieġli jirreġistra l-proċedimenti fir-reġistru tas-suċċessjonijiet. Jekk il-proċedimenti ta' suċċessjoni jkunu nbdew minn żewġ nutara differenti, il-proċedimenti ta' suċċessjoni jitmexxew min-nutar li jkun irreġistra l-ewwel il-bidu tal-proċedimenti fir-reġistru tas-suċċessjonijiet. L-isem tan-nutar li jmexxi l-proċedimenti ta' suċċessjoni jkun irreġistrat fir-reġistru tas-suċċessjonijiet u l-informazzjoni dwar il-bidu tal-proċedimenti tkun pubblika.

Il-ħruġ ta' ċertifikat ta' suċċessjoni jrid jiġi rreġistrat fir-reġistru tas-suċċessjonijiet u jkun pubbliku. L-ismijiet tas-suċċessuri jiġu rreġistrati fir-reġistru tas-suċċessjonijiet u l-informazzjoni tkun pubblika iżda wieħed ma jistax jibbaża fuqha għal finijiet legali.

Informazzjoni mdaħħla fir-reġistru tas-suċċessjonijiet tista' tiġi eżaminata permezz ta' nutar jew b'mod elettroniku fuq is-sit web tal-Kamra tan-Nutara

<https://iseteenindus.notar.ee/Client/p%C3%A4rimisregistri-teenused> jew permezz tal-portal Statali tal-Estonja <http://www.eesti.ee/>. L-użu ta' servizzi elettroniċi jeħtieġ awtentikazzjoni diġitali (karta tal-identità, ID tal-mowbajl, Smart ID, jew EU eID).

Il-Kamra tan-Nutara twieġeb għal domandi li jsirulha mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati barranin dwar testmenti u kuntratti ta' suċċessjoni mdaħħla fir-reġistru tas-suċċessjonijiet.

In-nutara jistgħu joħorġu kopji stampati ċċertifikati mir-reġistru tas-suċċessjonijiet, li għalihom trid titħallas tariffa lin-nutar.

Ir-reġistru tas-suċċessjonijiet jinżamm aġġornat bl-Estonjan u l-informazzjoni maħruġa tkun bl-Estonjan.

Ir-reġistru tal-postilli

Mill-1 ta' Diċembru 2017, ir-reġistru tal-postilli u l-portal self-service tiegħu kienu miftuħin għall-utenti fuq: <http://www.notar.ee/apostill>. Dawn jiffaċilitaw l-applikazzjoni għall-postilli, il-ħruġ u l-verifika tagħhom u ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' dokumenti.

Huwa possibbli li tiġi sottomessa applikazzjoni għal dokumenti uffiċjali maħruġin fl-Estonja fuq il-portal self-service. Filwaqt li tagħmel dan, huwa possibbli li ssir għażla bejn erba' tipi ta' postilli:

- (1) ċertifikazzjoni ta' dokument stampat b'postilla stampata
- (2) ċertifikazzjoni ta' dokument stampat b'postilla elettronika
- (3) ċertifikazzjoni ta' dokument diġitali b'postilla stampata
- (4) ċertifikazzjoni ta' dokument diġitali b'postilla elettronika

L-għażla tiddependi mill-forma li fih ikun inħareġ id-dokument uffiċjali li jkun se jirċievi postilla u jekk ir-riċevitur (uffiċjal jew persuna oħra fil-pajjiż ta' destinazzjoni) ikunx lest li jaċċetta dokument iċċertifikat b'postilla elettronika.

Wara li n-nutar ikun ħareġ postilla għal dokument, tista' tintbagħat link għar-reġistru Estonjan tal-postilli elettroniċi lir-riċevitur (eż. awtorità ta' pajjiż ieħor) li permezz tagħha jkun possibbli li tiġi vverifikata l-validità tal-postilla u li wieħed jara wkoll id-dokument iċċertifikat bil-postilla.

Postilla elettronika tiġi ffirmata b'mod diġitali min-nutar u ma hemmx bżonn li jitniżżel xi programm addizzjonali sabiex jinfetħu dokumenti permezz tar-reġistru. Għalhekk, it-trażmissjoni tad-dokumenti permezz tar-reġistru hija konvenjenti kemm għaċ-ċittadin kif ukoll għall-awtorità li tirċievi d-dokument. Huwa possibbli wkoll li tintbagħat postilla elettronika ffirmata b'mod diġitali lir-riċevitur bil-posta elettronika, iżda f'każ bħal dan irid jiġi żgurat li r-riċevitur ikun jista' jiftaħ id-dokument iffirmat b'mod diġitali bil-programm <http://id.ee/>.

L-Amministrazzjoni Estonjana tat-Trasport

- Ir-reġistru tal-vetturi bil-mutur – id-*data* tinħareġ mir-reġistru tal-muturi għat-twettiq tad-dmirijiet previsti mil-liġi, fuq il-bażi ta' applikazzjoni waħda jew ta' kuntratt li jidħlu fih l-Amministrazzjoni Estonjana tat-Trasport u persuna. Trid titħallas tariffa Statali għall-ħruġ ta' *data* jew ta' dokument mir-reġistru tal-vetturi bil-mutur. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <https://www.transpordiamet.ee/liiklusregister>. Tista' ssir tiftixa tal-istorja ta' vettura fir-rigward ta' vetturi mdaħħlin fir-reġistru Estonjan fuq: <https://eteenindus.mnt.ee/public/soidukTaustakontroll.jsf>.
- Ir-reġistru Estonjan tal-bastimenti u r-reġistrazzjoni tal-bastimenti – l-Amministrazzjoni Estonjana tat-Trasport iżżomm tliet reġistri u d-dipartiment tar-reġistru tal-artijiet tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu jżomm ir-reġistru tal-bastimenti, li jikkonsisti f'żewġ reġistri. Bastiment jista' jiddaħħal fir-reġistru ta' bastimenti noleġġati mingħajr ekwipaġġ miżmum mill-Amministrazzjoni Estonjana tat-Trasport jew fir-reġistru tal-bastimenti.

Ir-Reġistri tal-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Estonja:

- L-ewwel reġistru ta' bastimenti noleġġati mingħajr ekwipaġġ, fejn il-bastimenti noleġġati mingħajr

ekwipaġġ bil-persuna responsabbli tagħhom li jkollha l-post tan-negozju tagħha fl-Estonja jkunu rreġistrati fuq talba tan-noleġġatur.

- It-tieni reġistru ta' bastimenti noleġġati mingħajr ekwipaġġ, fejn il-bastimenti noleġġati mingħajr ekwipaġġ bil-persuna responsabbli tagħhom li ma jkollhiex il-post tan-negozju tagħha fl-Estonja jkunu rreġistrati fuq it-talba tan-noleġġatur.
- Il-bażi tad-*data* ta' bastimenti li jwettqu dmirijiet amministrattivi Statali.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <https://www.transpordiamet.ee/laevaregistrid>

- Ir-reġistru tal-inġenji tal-ajru – sabiex inġenju tal-ajru jiġi mmarkat b'kodiċi tal-pajjiż u b'numru ta' reġistrazzjoni u sabiex jiġi ħaddem, l-inġenju tal-ajru jrid ikun reġistrat fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru miżmum mill-Amministrazzjoni Estonjana tat-Trasport.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <https://www.transpordiamet.ee/ohusoidukite-register>.

#### Ir-reġistru kummerċjali

Ir-reġistru kummerċjali huwa bażi tad-*data* li l-iskop tiegħu huwa li jiġbor, iżomm u jiddivulga informazzjoni dwar kummerċjanti waħdiena, kumpaniji u fergħat ta' kumpaniji barranin li jinsabu l-Estonja.

L-informazzjoni fuq il-karta tar-reġistru hija legalment valida u wieħed jista' jibbaża fuqha għal finijiet legali, iżda d-*data* fil-parti informattiva tar-reġistru ma għandha l-ebda validità legali.

Il-karta tar-reġistru u d-*data* fil-parti informattiva tar-reġistru kif ukoll id-dokumenti fil-fajl tar-reġistru huma pubbliċi. Ir-reġistru kummerċjali jista' jiġi aċċessat b'mod elettroniku fuq <https://ariregister.rik.ee/eng> sabiex jinkiseb aċċess għad-*data* tar-reġistru; dan huwa mingħajr ħlas.

Ir-reġistru kummerċjali elettroniku fih:

- informazzjoni dwar kumpaniji;
- *data* dwar assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;
- informazzjoni dwar l-awtoritajiet Statali;
- *data* mir-reġistru tal-irhna kummerċjali;
- informazzjoni proċedurali u emendi għall-entrati;
- informazzjoni dwar dejn tat-taxxa;
- *data* dwar partiti politiċi u l-membri tagħhom;
- projbizzjonijiet fuq in-negozju u fuq intrapriżi imposti fuq persuni Estonjani;
- *data* dwar assoċjazzjonijiet artistiki u l-membri tagħhom;
- *data* għall-viżwalizzazzjoni tad-*data*.

Estratti awtentikati mir-reġistru kummerċjali jistgħu jinkisbu mingħand nutar għal tariffa notarili.

Ir-reġistru jinżamm aġġornat bl-Estonjan. Karta tar-reġistru jew kopji stampati mill-parti informattiva tar-reġistri jistgħu jinkisbu wkoll bl-Ingliż, iżda jista' jkun fihom xi *data* bl-Estonjan.

Ir-reġistru elettroniku tat-titoli

Aċċess għar-reġistru: <https://ereg.nasdaqcsd.com/SecureWeb/>.

Nasdaq CSD <https://nasdaqcsd.com/estonia/en/shareholders-list/> tipprovdi lill-emittenti b'servizzi relatati mal-lista ta' detenturi ta' titoli (lista ta' azzjonisti, lista ta' detenturi ta' bonds). Is-servizz jippermetti lil persuna awtorizzata tikseb u tistampa listi ta' detenturi ta' titoli fi kwalunkwe ħin.

Lista ta' azzjonisti tista' sservi jew tintuża bħala bażi f'laqgħat ġenerali tal-azzjonisti, meta jsiru tranżazzjonijiet b'titoli u meta tiġi pprovduta informazzjoni lill-investituri u lil persuni rilevanti oħrajn.

Sabiex jintuża l-portal self-service tal-ESIS, l-emittenti, ir-rappreżentanti tagħhom jew il-partijiet terzi awtorizzati jeftiġilhom jibagħtu applikazzjoni lil Nasdaq CSD fuq [csd.estonia@nasdaq.com](mailto:csd.estonia@nasdaq.com). Nasdaq CSD toħloq l-utenti u tibgħat konfermi bil-posta elettronika.

Fil-każ ta' titoli Estonjani, applikazzjoni għal estratt mil-lista ta' detenturi ta' titoli trid issir u tintbagħat f'forma

ffirmata b'mod diġitali fuq [csd.estonia@nasdaq.com](mailto:csd.estonia@nasdaq.com).

Informazzjoni dwar insolvenza

Ma hemm l-ebda reġistru tal-insolvenzi fl-Estonja, iżda informazzjoni dwar proċedimenti ta' falliment u proċedimenti ta' ristrutturar tad-dejn ta' persuni ġuridiċi u fiżiċi hija disponibbli f'din il-pubblikazzjoni elettronika uffiċjali: Ametlikud Teadaanded: <https://www.ametlikudteadaanded.ee/eng/index>. Barra minn hekk, ir-reġistru kummerċjali Estonjan u r-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u ta' fondazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fihom informazzjoni dwar il-falliment ta' persuni ġuridiċi u ta' kummerċjanti waħdiena.

Il-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tar-Riċeventi f'Falliment

[info@kpkoda.ee](mailto:info@kpkoda.ee)

+372 64 63 773

Indirizz: Tartu maantee 16, 10117, Tallinn

Ir-Reġistru tal-Pensjonijiet tal-Estonja

Jinżamm rendikont tan-nies li jissieħbu f'fondi ffinanzjati tal-pensjonijiet fir-reġistru tal-pensjonijiet.

Ir-reġistru tal-pensjonijiet iżomm rendikont ta':

- *data* dwar fondi tal-pensjoni ta' pensjonijiet obligatorji ffinanzjati, jiġifieri I-pilastru II; u
- *data* dwar fondi tal-pensjoni ta' pensjonijiet volontarji ffinanzjati, jiġifieri I-pilastru III.

Ir-reġistru jżomm rekord tal-applikazzjonijiet kollha sottomessi għal pensjonijiet iffinanzjati, il-fondi magħżulin, il-kontribuzzjonijiet magħmulin, l-unitajiet tal-fondi tal-pensjonijiet miksubin, l-iżborżi, il-qlib bejn fondi u operazzjonijiet oħrajn relatati mal-pensjoni ffinanzjata.

Disponibbli fuq: [Pensionikeskus AS](#)

[info@pensionikeskus.ee](mailto:info@pensionikeskus.ee)

Indirizz: Maakri 19, Tallinn 10145

### 3 Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji

Informazzjoni dwar jekk il-persuna deċeduta kellhiex kont tal-bank tista' tinkiseb biss billi ssir mistoqsija lill-bank direttament. Skont l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, id-*data* u l-valutazzjonijiet magħrufin kollha li jikkonċernaw klijent tal-istituzzjoni ta' kreditu jew ta' istituzzjoni ta' kreditu oħra jitqiesu li huma informazzjoni soġġetta għas-segretezza bankarja.

Jekk isseħħ suċċessjoni fl-Estonja, nutar jissottometti talba elettronika dwar id-drittijiet u l-obbligi tat-testatur lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw fir-Repubblika tal-Estonja. Istituzzjoni ta' kreditu li tirċievi talba mingħand nutar u li jkollha informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tat-testatur hija meħtieġa tipprovdi l-informazzjoni linnutar b'mod elettroniku u mingħajr ħlas fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi t-talba.

Is-sit web tal-Kamra tan-Nutara huwa: [Il-Kamra tan-Nutara](#)

Tatari 25, 10116 Tallinn

Tel.: +372 617 7900

Posta elettronika: [koda@notar.ee](mailto:koda@notar.ee)

Id-dettalji ta' kuntatt tan-nutara Estonjani huma disponibbli fuq: <https://www.notar.ee/et/notarid/nimekiri>.

## 4 Id-disponibbiltà ta' reġistru tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali

L-Uffiċċju tal-Privattivi tal-Estonja huwa aġenzija governattiva li topera fil-qasam tal-gvern tal-Ministeru tal-Ġustizzja u timplimenta l-politika ekonomika tal-Istat fil-qasam tal-protezzjoni legali tal-proprjetà intellettuali. L-Uffiċċju tal-Privattivi tal-Estonja jipprovdi protezzjoni legali għall-privattivi, għat-trademarks, għall-mudelli ta' utilità, għad-disinji industrijali, għall-indikazzjonijiet ġeografiċi u għad-disinji tat-tqassim ta' ċirkwiti integrati.

[L-Uffiċċju tal-Privattivi tal-Estonja](#)

Tatari 39, 15041 Tallinn, Estonia

+372 627 7900

[patendiamet@epa.ee](mailto:patendiamet@epa.ee)

Kemm trademarks diġà rreġistrati kif ukoll dawk ippreżentati għar-reġistrazzjoni jistgħu jitfittxu fil-bażijiet tad-*data* tal-Uffiċċju tal-Privattivi tal-Estonja. Il-bażi tad-*data* fiha d-*data* tat-trademarks rreġistrati jew ippreżentati għar-reġistrazzjoni fir-Repubblika tal-Estonja u tat-trademarks internazzjonali validi jew ippreżentati għal protezzjoni legali fl-Estonja skont il-Protokoll ta' Madrid. Il-bażi tad-*data* tiġi aġġornata darba kuljum. Il-bażi tad-*data* hija informattiva u ma għandha l-ebda effett legali.

Il-bażi tad-*data* hija disponibbli hawnhekk: <https://andmebaas.epa.ee/avalik/#/trademarks>

## 5 Reġistri oħra b'informazzjoni rilevanti għas-suċċessjonijiet

Ir-reġistri applikabbli ssemew fil-bidu tal-artiklu.

## 6 Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar testmenti sigrieti u testmenti mhux soġġetti għar-reġistrazzjoni

Fl-Estonja, testment jista' jkun jew notarili jew inkella domestiku.

Testment notarili jkun testment notarizzat jew testment iddepożitat ma' nutar. It-testmenti notarili kollha jiġu rreġistrati fir-reġistru tas-suċċessjonijiet. L-informazzjoni dwar testmenti jew kuntratti ta' suċċessjoni mdaħħlin fir-reġistru hija kunfidenzjali sal-ftuħ tas-suċċessjoni. Wara li tiġi ċċertifikata l-mewt tat-testatur, kulħadd ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni fir-reġistru tas-suċċessjonijiet.

Testment domestiku jista' jkun testment iffirmit fil-preżenza ta' xhieda jew inkella testment olografiku. It-testmenti nazzjonali ma jiġux irreġistrati. Testment domestiku jsir invalidu jekk ikunu għaddew 6 xhur minn meta jkun sar u t-testatur ikun għadu ħaj f'dak iż-żmien. Testatur jista' jżomm testment domestiku huwa stess jew jagħtih lil persuna oħra sabiex tiegħu ħsiebu. Jekk il-persuna li lilha t-testatur ikun ta t-testment tiegħu jew li jkollha t-testment fil-pussess tagħha fuq bażi oħra ssir taf li t-testatur ikun miet, il-persuna tkun meħtieġa tissottometti t-testment lil nutar minnufih. In-nutar joħroġ lill-persuna li tissottometti t-testment domestiku dokument dwar id-depożitu tat-testment, li jiġi iffirmit mill-persuna li tkun issottomettiet it-testment u min-nutar.

---

L-aħħar aġġornament: 13/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.